MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 126/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Maria Louisa Carbonaro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maria Louisa Carbonaro talli fit-12 ta' Ottubru 2003 ghall-habta ta' 00:20 am u fil-jiem ta' qabel, gewwa Q.E. II Bar, sitwat fi triq il-Meditterran il-Belt Valletta, bhala persuna licenzjata zammet jew ippermettiet li tinzamm 'Gambling Machine' fl-imsemmi hanut minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghall-konfiska ta' l-istess 'Gambling Machine' u tal-flus li nqabdu fiha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Gunju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabitha hatja u kkundannatha ghal twiddiba w canfira u ordnat il-konfiska tal-magna esebita;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Maria Louisa Carbonaro tal-11 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellanti mhux hatja u kwindi tilliberaha skond il-ligi;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Ian Farrugia ghall-appellanti u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellanti huwa fis-sens li l-prosekuzzjoni ma lehqitx il-grad tal-konvinciment morali kif trid il-ligi ghas-sejbien tal-htija. Hija tghid li l-kwistjoni kollha kienet tirrigwarda in-natura tal-makna elevata, cioe` hijiex makna tad-divertiment inkella makna tal-loghob ta' l-azzard[1]. L-appellanti tirreferi ghall-fatt li l-perit tekniku nnominat mill-Ewwel Qorti stess stabilixxa li l-makna in kwistjoni taghti biss krediti f'numru ta' loghbiet b'xejn u li ma kien hemm l-ebda prova li l-appellanti kienet qed issarraf dawn il-krediti fi flus. Tirreferi ghad-definizzjoni tal-ligi ta' makni ta' divertiment u ssostni li l-makna in kwistjoni taqa' fil-parametri ta' din id-definizzjoni. Ghalhekk, tissottometti, kellha tinsab mhux hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha.

[1] Jew kif l-Att numru X tas-sena 1998 dwar il-Loghob - Kap. 400 - jirreferi ghalihom, makni ghal loghob ta' sogru.

Din il-Qorti semghet ix-xiehda mill-gdid u senjatament dik ta' Peter Bonello, l-espert tekniku nominat mill-Ewwel Qorti u dik ta' l-Ispettur Ramon Mercieca.

**Peter Bonello** xehed li ezamina l-makna in kwistjoni fl-ghassa tal-pulizija tal-Belt. Huwa kkonkluda li hija "amusement machine" u mhux "gambling machine" u dan peress li, ghalkemm fiha sahansitra *slot* biex tista' ddahhal karti tal-flus sa Lm20, *slot* biex ittik flus din il-makna m'ghandhiex. Fir-relazzjoni tieghu esebit quddiem l-Ewwel Qorti fil-fatt kien qal hekk:

"L-inkwirenti jirrileva illi sabiex wiehed jilghab din il-magna irid jitfa' l-flus. Il-flus tehodhom kemm f'karti u kemm f'muniti. Il-magna tiehu anke Lm20 f'karti.

Gie osservat mill-esponenti illi l-magna mkien m'ghandha 'slot' mnejn johorgu l-flus. Is-sodisfazzjon ta' min jlghab din il-magna hu illi jiehu credits li jissarfu f'aktar loghob, b'riserva pero` ghall-fatt illi jista' jkun hemm xi arrangament mal-persuna li tiggestixxi l-bar illi jsarraf dawn il-credits fi flus, liema fatt irid jigi stabbilit quddiem din l-Onorabbli Qorti."

**L-Ispettur Ramon Mercieca** xehed li fit-12 ta' Ottubru 2003 ghall-habta ta' 12.20 a.m. acceda f'bar li jismu Queen Elizabeth II fi Triq il-Mediterran, Valletta, u sab hemm il-makna in kwistjoni. Saqsa lil min kien mal-bar, certu Paul Carbonaro (ir-ragel ta' l-appellanti), jekk dik il-makna kinitx taghti flus u dan qallu li kien fiha buttuna li meta jaghfasha tnizzel il-credit u hu jhallas minn wara l-bar. Meta wara xi hames minuti giet l-appellanti fil-hanut saqsieha jekk kellhomx permess ghal dik il-makna u urewh permess ghal "amusement machine". Ghalhekk ix-xhud eleva l-makna.

Jinghad mill-ewwel li dak li xehed l-Ispettur Ramon Mercieca dwar x'qallu jew ma qallux Paul Carbonaro m'ghandu l-ebda valur probatorju fil-konfront ta' l-appellanti. Lanqas ma jirrizulta li l-Ispettur Mercieca interroga lill-appellanti dwar dak li kien allega li kien jaghmel zewgha. Ghalhekk, kif sewwa rriteniet l-Ewwel

Qorti, prova dwar jekk il-krediti ta' loghob kinux jissarfu mill-appellanti fi flus ma nghatatx. Pero` kkonkludiet li l-makna in kwistjoni ghandha tikklassifika bhala "gambling machine" ghal dawn ir-ragunijiet:

"… wiehed pero` jista' jargumenta illi l-uniku delizju illi toffri din il-magna huwa appuntu dawn il-loghbiet b'xejn u l-loghob fih innifsu ma joffri ebda 'amusement'. Ghalhekk il-magna effettivament tikkwalifika bhala esklussivament 'gambling machine' ghax persuna ta' intelligenza medja ma tistax titqies li qed tilghab loghba ta' bla pjacir jew soddisfazzjon hlief ghar-rebhiet ta' loghbiet ohra l-istess b'xejn.

Ghalhekk ukoll jirrizulta li kull min jilghab bilfors li fl-ahhar jispicca li jkun tilef somma flus biex jilghab loghba ta' bla interess jekk fl-ahhar ma jkollux l-opportunita` li jsarraf il-flus minflok il-loghbiet b'xejn li jkun rebah".

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-makna in kwistjoni ma tistax tikklassifikaha bhala "amusement machine" in virtu` ta' dak li l-ligi stess tiddisponi. Ir-regolament numru 2 tar-Regolamenti dwar ir-Restrizzjoni ta' l-Uzu ta' Makni tad-Divertiment (Avviz Legali 43/1988) jiddefinixxi "makna tad-divertiment" bhala:

"kull tip ta' makna tad-divertiment li tithaddem permezz tat-tfigh fil-makna ta' munita jew muniti, jew ta' xi *token*, u li minnha l-gugatur rebbieh la jircievi u lanqas jigi offert xi beneficcju iehor hlief l-opportunita` moghtija mill-azzjoni awtomatika tal-makna li jerga' jilghab il-loghba minghajr ma jitfa' xi munita jew *token* ohrajn, u, hlief ghall-finijiet tar-regolament 4, ghandha tinkludi makni maghrufin bhala *"kiddie ride machines"*, *juke-boxes* u mwejjed pubblici tat-*table soccer*."

L-istess regolament imbaghad jiddefinixxi *"token"* bhala:

"dak l-oggett li jkun jixbah munita li jinxtara sabiex jintefa' f'makni tad-divertiment minflok muniti, biex tahdem l-istess makna".

Ta' importanza ghall-kaz odjern imbaghad huwa r-regolament numru 5 li jipprovdi:

"L-oghla valur tal-munita jew *token* li tista' tintefa' f'makna tad-divertiment ghandu jkun ta' 10 centezmi, u l-oghla prezz biex tintlaghab xi loghba wahda fuq makna tad-divertiment ghandu jkun ta' 10 centezmi".

Il-makna in kwistjoni, kif stabilixxa l-perit tekniku, tiehu muniti izda tiehu wkoll karti tal-flus sa Lm20. Ghalhekk ma taqax fid-definizzjoni ta' "makna ta' divertiment" preskritt mil-ligi. Dwar jekk tistax titqies bhala "makna ghal loghob ta' sogru", din il-Qorti tirreferi ghad-definizzjoni ta' *slot machine* jew *gambling device* li nsibu fi **Black's Law Dictionary, Fifth Edition, West Publishing Co., 1979** bhala *"an apparatus by which a person depositing money therein may, by chance, get directly or indirectly money or articles of value, worth either more or less than the money deposited"*. Il-makna in kwistjoni taghti biss krediti ta' loghob, izda b'daqshekk ma jfissirx li dawn il-krediti ma jistghux jissarfu fi flus bhalma ssuggerixxa li jista' jsir il-perit tekniku u b'hekk min jilghab u jirbah ikun qieghed jottjeni r-rebh tieghu ta' flus <u>indirettament.</u>

Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellanti huwa michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------